***Kunsill Lokali Marsaskala***
Ġnien Sant'Anna, Pjazza Dun Tarċis Aguis, Marsaskala
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaskala**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 59**

**It-Tnejn 19 ta' Frar 2024.**

Il-Kunsill Lokali Marsaskala għamel din is-seduta ġewwa l-uffiċini tal-Kunsill fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREZENTI:**

Mario Calleja – Sindku
Mary Rose Mifsud- Kunsillier
John Schembri - Kunsillier
John Baptist Camilleri- Kunsillier
Charlot Mifsud – Kunsillier
Patrick Camilleri-Kunsillier
Janice Falzon – Viċi Sindku

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**
Errol Cutajar – Kunsillier
Ryan Portelli- Kunsillier

**ASSENTI:**

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

Josef Grech – Segretarju Ezekuttiv

**59.1** ***Qari t'aploġija:***

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien hemm ittri t'apoloġija tal-Kunsillier Dr. Errol Cutajar u l-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli.

**59.2** ***Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Minuti: Laqgħa 58 li saret Nhar it-Tlieta 23 ta' Jannar 2024:***

**59.2.1** ***Korrezzjoni tal-Minuti:***

Ma kienx hemm korrezzjoni.

**Il-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippropona l-approvazzjoni tal-minuti bħala dokument korrett u ssekonda l-Kunsillier Dr. Patrick Camilleri. Il-votazzjoni kienet 7 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni.

**59.2.2** ***Matters Arising tal- Laqgħa 58 li saret Nhar it-Tlieta 23 ta' Jannar 2023:***

59.2.2.1 Is-Sindku tkellem fuq paġna 2 paragrafu 58.2.2.3 fejn qal li kellem lir-resident fuq ir-rikjesta tal-*isleeping policeman* ta' Triq il-Btieti fejn talbu jiġbor xi firem minn residenti sabiex it-talba tagħhom tkun iktar ċara però s'issa għadu ma ġab xejn.

59.2.2.2 Is-Sindku tkellem fuq paġna 3 paragrafu 58.2.2.6 ir-raba paragrafu fejn qal illi l-kontenitur tal-puluzija tneħħa u kien hemm persuna li offra li jgħatina kontenitur tal-20 jew tal-40 pied sabiex jintuża bħala *store*. Huwa qal li dan jinżebagħ u anke jkollu il-logo tal-Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li trid tinġieb id-DNO min-naħa tal-PA.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li ma jaqbiliex għax ser ikun ikrah.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal jekk ix-xogħol tal-lift tlesta allura l-*container* tal-Bava għandu jitneħħa.

Is-Sindku spjega illi l-installazzjoni tal-lift kien hemm appell fuq it-tender u reġet ħarġet sejħa oħra iżda ix-xogħol li għadu qed jgħamel il-Bava ma tlestiex. Huwa kompla jispjega illi l-konetitur tal-Bava li jinsab biswit il-kamra fejn titqiegħed il-mechanical sweeper għandu jitressaq mill-anqas matru peress li l-istess kamra għandha bżonn jikber u anke jrisu xi modifiċi fiha peress li issa mal-*mechanical sweeper* ser jidħol ukoll ir-robot.

Kien hemm qbil illi l-*container* jkun tal-għoxrin u jitpoġġa minflokk tal-Bava u jekk ikun possibbli illi jiġi miksi b'xi PVC panels tal-pvc sabiex jkollu iktar dehra organika.

**59.2.2.3** Is-Sindku tkellem fuq paġna 5 paragrafu 58.3.2 fejn qal illi sar apparat aħjar għal online streaming u qed jitnuża illum.

**59.2.2.4** Is-Sindku tkellem fuq paġna 4 paragrafu 58.3.3 fejn qal li applikajna għar-restawr tal-istawta tal-kunċizzjoni li hemm fi Triq ix-Xatt.

**59.2.2.5** Is-Sindku tkellem fuq paġna 5 paragrafu 58.3.5 fejn qal hemm fondi tal-Lesa u huwa tal-opinjoni li jinbidel xi *rubber flooring* u żewġ *playing structures* li hemm fi Pjazza Mifsud Bonnici.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li hemm struttura b'ċirku aħdar li ma tintużax u anke hemm struttura li ddur u l ma għandiex taħdem għax iġġamjat u l-*gym equipment* jrid jinbidel ukoll. Hu qal li jrid jinbidel it-tapit kollhu ta' Pjazza Mifsud Binnici.

Kien hemm diskussjoni sabiex minflokk il-*playing equipment* li ser jinbidel jsiru sett bandli oħra.

Il-Viċi Sindku qalet li fejn ser jinbidel il-*gym equipment* hija tal-opinjoni li jsiru xi *monkey bars*.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal li hemm area miftuħa u li jilgħabu bil-*football* ħalli ma jkompliex jsir dan.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li jrid isir infurzar mill-Puluzija,

Il-Kunsillier Dr Patrick Camilleri qal li hu ma jaqbiliex li jinqata l-logħob tal-football.

Kien hemm diskussjoni fejn tista tiġi allokata area fejn jilgħabu bil-ballun. Ġiet identifikata l-area ta' ħdejn il-Kunsill li għanda tingħalaq bil-*fencing* u jkun kollox jiżżarma għal meta ssir attività.

Kien hemm qbil li naraw jekk nistgħux insibu xi skema sabiex napplikaw biex jsir grawnd ħdejn il-Kunsill. Jrid jkun imdawwar kollu bix-xibka ħadra u jsir bit-turf.

Il-Kunsill qabel li din l-istruttura li jduru fiha t-tfal jekk tista tiġi irranġata billi jinbidlu il-bearings qabel ma tinbidel.

Kien hemm qbil li bil-fondi tal-Lesa jinbidel ir-*rubber flooring* ta' Pjazza Mifsud Bonnici u jsir l-apparat msemmi.

**59.2.2.5.1** **<u>Ġnien San Tumas:</u>**

Is-Sindku spjega illi l-apparat tan-nofs ser jinbidel u qed jistenna li terġa toħroġ id-DNO. Huwa kompla jispjega illi tkellem ma tan-Nestle u lesti li jgħamlulna *playing structure* bħal ma hemm ħdejn l-aquarium ta Buġibba u ssir minflokk il-*playing structure* li hemm Ġnien David Vella, u l-apparat li hemm fil-preżent fi Ġnien David Vella jiġi rilokat minflokk l-appart li hemm fil-*kids area* u *train* fil Ġnien San Tumas għaliex dak l-apparat iddeterjorat. Huwa qal li diġà iltaqa mal-Perit u marru fuq il-post.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa jekk it-tapit ta' Ġnien David Vella hux ser jinbidel ukoll.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kollox jiddetermina mill-*critical fall height* ta' dan l-apparat li ser jiġi provdut min-Nestle.

Is-Sindku qal li huwa mal-Perit biss tkellem fuq il-ħsib li għandu f'moħħu illi l-apparat ta' Ġnien David Vella jiġi rilokat. Huwa kompla jispjega illi Gal Xlokk jistgħu jgħatu l-Kunsill €25,000 fejn qal li €5000 biex tgħaddi l-irrigation System fi Ġnien Sant'Anna, €5000 biex jg]addu l-pipijiet minn ta]t il-madum u

jerġa jitpoġġew f'postu u jinħadmu bi quotes, €5000 sabiex jiżżarma u jerġa jiġi armat l-apparat ta' Ġnien David Vella u l-€10,000 jinħareġ tender sabiex isir it-tapit ta' fejn hemm il-kids area u train fil-preżent.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li importanti li qabel ma jinqala l-apparat ta' Ġnien David Vella nkunu ċerti li dan it-tapit jkun għadu tajjeb sabiex jservi għal apparat il-ġdid għaliex jekk ser jkun hemm bżonn jinbidel dan it-tapit ukoll umbgħad ser jkun hemm iktar spejjeż involuti.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-importanti li jibgħatulna l-*ispecifications* tal-apparat il-ġdid min-naħa tan-Nestle.

Kien hemm qbil mal-prinċipju u kif ikollna l-*ispecifications* nkunu nistgħu nitkellmu aħjar u l-*age group* tal-apparat provdut ser jkun għal l-istess *age group.*

**59.2.2.6** Is-Sindku tkellem fuq paġna 5 paragrafu 58.3.5 l-aħħar paragrafu fejn qal li għada ser jinalaq biċċa oħra sabiex nevitaw biex l-ilma jitla faċċata tas-summer nights.

Is-Sindku kompla jispjega illi x-xogħol fuq il-culvert ta' Triq Sant' Anna ser jibda din il-ġimgħa.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa meta ser jitkompla ix-xogħol fuq il-funtana.

Is-Sindku qal li trid terġa tinkesa għax qasmet u wara jingħata is-silicato

**59.2.2.7** Is-Sindku tkellem fuq paġna 6 paragrafu 58.3.7 fejn qal li l-kuntratt mal-counsellor sar u ser tibda tgħati servizz ta' kull tip ta' counsellor ġewwa it-training centre. Is-Sinjura Grezia Urrey ser tibda s-servizz tagħha minn April li ġej.

**59.2.2.8** Is-Sindku tkellem fuq paġna 7 paragrafu 58.5.1.2 fejn staqsa lis-Segretarju Eżekuttiv jekk għandiex update dwar l-implemetazzjoni ta' EPOS fil-*customer care*.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalli li għandu le u għad jrid jiċċekkja ix-xogħol li jirrekjedi min-naħa tal-accountant.
Il-Kunsilliera talbu sabiex niċċekjaw għaliex hemm bżonn li jkun hemm l-epos.

**59.2.2.9** Is-Sindku tkellem fuq paġna 9 paragrafu 58.7.2 fejn jrid jerġa jiċċara id-diskussjoni fuq ingaġġ ta *supervisor*.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi r-risposta tad-Direttur Ġenerali tad-DLG fuq ingaġġ ta *supervisor scale 16* minflokk sejħa ta *Contracts man*ager. Huwa spjega li wara erbgħa snin jiġi tal-post.

Is-Sindku qal li huwa tal-ideja li minflokk noħorġu sejħa ta *Contracts manager* ingaġġaw s*upervisor* fuq skala 16.

➢ ***Il-Kunsillier is-Sinjura Mary Rose Mifsud daħlet għal laqgħa fis-6.50pm.***

Il-Kunsillier is-Sur John b Camilleri staqsa jekk hemmx xi limitazzjonijiet tax-xogħol li jista jgħamel, jekk jaqdiex l-istess dmirijiet tal-*contracts manager*.

Id-diskussjoni tkompliet fuq ir-rekwiżiti ta'skala 16 li din ma tirrikjediex o levels u peress li dawn huma kuntratti jekk persuna ingaġatta fuq skala 16 tkunx adekwata sabiex tgħamel dan it-tip ta xogħol.

Il-Kunsillier is-Sinjura Maryrose Mifsud qalet li hija tal-opinjoni li din is-sejħa tinħareġ bħal Kunsilli oħra.

Is-Segretarju Eżekuttiv qa li l-maġġor parti tal-Kunsilli huma kollha b'tender.

Kien hemm suġġeriment li jekk huwa possibbli noħorġu tender ta' supervisor fuq dak kollhu li jirrikjedi ta' Skala 16

Kien hemm qbil fuq dan.

**59.2.2.10** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud tkellem fuq paġna 3 paragrafu 58.3.1 fejn staqsa jekk iċċekjaniex il-cameras jaqbdux il-korsija.

Is-Sindku qal li ser jsir dawl u l-pitturi ser jiddaħħlu kull filgħaxija

**59.2.2.11** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud tkellem fuq paġna 5 paragrafu 58.3.4 fejn staqsa fuq l-open tal tal-magħluq jekk il-Kunsilliera kienux infurmati.

Il-Viċi Sindku qalet li ma kienetx stedina lilna iżda hija qrat l-informazzjoni minn fuq il-paġna tagħhom.

**59.2.2.12** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud tkellem fuq paġna 6 paragrafu 58.3.11 fejn staqsa kienx mistieden is-Sindku biss.

Is-Sindku wieġbu li stiednitu is-Sinjura Vassallo.

**59.2.2.13** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud tkellem fuq paġna 6 paragrafu 58.3.12 fejn staqsa stednux lis-Sindku biss

Is-Sindku wieġbu li iva.

**59.2.2.14** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud tkellem fuq paġna 7 paragrafu 58.3.18 fejn staqsa sarx xi progress fuq il-ħamrija.

Is-Sindku wieġbu li għad ma għandux *feed back.*

**59.2.2.15** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud tkellem fuq paġna 7 paragrafu 58.3.17 fejn staqsa x'kawża kienet.

Is-Sindku qal fuq persuna li qed jitrakka mal-moll u jbiegħ il-ħut.

Il-Viċi Sindku qal li jista jbiegħ munn fuq il-luzzu iżda ma jiżgombrax il-moll.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li l-moll jrid jkun tabbi u tħott u mhux jitrakka mal-moll u jrid jkun hemm it-tabelli.

Il-Viċi Sindku staqsiet jekk nistgħux ngħinuhom b'xi mod bħal *no objection* biex jpoġġu il-ħut fuq iċ-ċint peress li ma jidhrux mit-triq u dan isir b'ħin stipolat.

Il-Kunsillera iddiskutu li jtellu it-tilari fejn jpoġġu in-nies mhux tajba.

Il-Kunsill qabell li jsiru tabelli tajbin li juri li ma tistax tiżgumbrax il-moll mill-baħar.

**59.2.2.16** Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud tkellem fuq paġna 8 paragrafu 58.5.3 fejn staqsa iltaqawx mal-kuntrattur il-ġdid tal-Parks and gardens.

Is-Segretarju Eżekuttiv spejga li kien hemm appell bħalissa kollox imwaqqaf u l-kuntrattur fil-preżent għadu Progressive.

**59.2.2.17** Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud tkellem fuq paġna 12 paragrafu 58.7.3 fejn staqsa jekk sar progress fuq ir-rikjesta tal-bankina li tikber il-bankina quddiem Dar Velazquez.

Is-Sindku wieġbu bħala kunsill kien ħariġlu n-*no objection*.

**59.2.2.18** Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud tkellem fuq paġna 12 paragrafu 58.7.5 fejn staqsa jekk il-Kunsillier John B. Camilleri kienx mar jiċċekkja il-bankina li kien hemm klejm fuqha fi Triq id-Daħla ta San Tumas.

Il-Kunsillier is-Sur John b Camilleri qal li kien bgħat email lil kulħadd bir-ritratti u hemm sprall tal-ħadid fejn qal li xi ħadd oltera l-kurduna tal-bankina sabiex jilqa l-ilma tax-xita u ħalla ħadid ħiereġ. Huwa spjega illi il-karozzi jkunu ipparkjati nofshom fuq il-bankina u nofsom fit-triq u dan ma għandux jsir. Huwa kompla jispjega illi fid-dawra għanda issir *build out* u ma jipparkjawx il-karozzi imma wara jsiru il-parkeġġi kif suppost għaliex jgħaddu il-karozzi.

Il-Kunsillier is-Sur John b Camilleri qal li meta mar jiċċekkja kien hemm *coach* fin-nofs u xorta għaddew il-karozzi.

Il-Kunsill qabel sabiex minflokk buildout issir bil-marki tal-karreġjat sabiex ma jipparkjax u l-kumplament jsiru l-parkeġġi. Kien hemm qbil li l-Kunsillier is-Sur John B Camilleri jmur mal-kuntrattur.

Il-Kunsill qabel ukoll li jingħata l-kumpens l-individwu li kien tefa claim mal-Kunsill

59.3 **<u>Komunikazzjoni mis-Sindku:</u>**

59.3.1 **<u>Nominazzjoni għall-Premju Mara (35/0392/24/I) (35/0356/24/I) (35/0426/24) (35/0438/24/I) (35/0436/24/I) (35/0439/24/I) (35/0440/24/I) (35/0441/24/I) (35/0418/24/I) (35/0430/24/I) (35/0432/24/I)</u>**

Il-Kunsill preżenta n-nominazzjonijiet kollha li daħlu li kienu seba. Is-Sindku propoona li peress in-nisa nominati huma kollha magħrufa u kollha għandhom il-kwalitajiet tagħhom ma kinietx faċli li jaġġudikaw minn jintagħżel allura tellgħu bil-polza.

Il-persuni nnominati kienu is-Sinjura Elizabeth Cassar, Is-Sinjura Marvic Attard Gialanze, is-Sinjura Isabella Grogan, Is-Sinjura Claire Micallef Pule, Is-Sinjura Nadia Doublet, is-Sinjura Sara Cachia, Miriam Grech.

Il-persuna li ittellet bil-polza kienet is-Sinjura Elizabeth Grogan.

59.3.2 **<u>Pending Works Marsaskala Lc (35/0401/24/I)</u>**

Is-Sindku tkellem fuq il-komunikazzjoni mibgħuta mill-Perit William Lewis fuq xogħolijiet pendenti li jixtieq konferma fuqhom hekk kif ġej:

59.3.2.1 Rigward l-applikazzjoni tad-DNO tal-smart bins il-Kunsill qabel li bħala Perit fuq dan ix-xogħol jibqa il-Perit William Lewis, wara li saret diskuzzjoni fuqa.

59.3.2.2 Rigward is-*survery* propost fi Triq il-Qaliet bil-fondi tar-Reġjun, is-Segretarju Eżekuttiv qal illi jekk ir-Reġjun jixtieq jgħamel dan is-*survey* bi spejjeż tiegħu, għandu jkun ir-reġjun li jikkonferma u mhux il-Kunsill.

Is-Sindku qal li aħna ma tlabniex lir-reġjun sabiex iħallas dan is-survey.

59.3.3 **Camera Bajja San Tumas:**

Il-Viċi Sindku qalet li ħdejn il-gate bejn il-Legends u Zion fejn qed jiġu proposti l-*ismart bins* fil-Bajja San Tumas twaħħlet camera ma arblu li taħdem bir-remote u qed tħares fuq propjetà privata. Hija kompliet tispjega illi l-puluzija infurmawha illi l-Kunsill jrid jgħamel talba lid-*data protection commissioner* peress li ma jistax jiġi dentifikat sid ta' dan il-camera.

59.3.4 **Skemi SPI SCI 01 2024, SPISCI 02 2024, SPI SCI 03 2024 SPI SCI 04 2024 u SPI SCI 05 2024 (35/0367/24/I)(35/0354/24/I)**

59.3.4.1 Il-Kunsill qabel sabiex ma napplikawx għal skemi SPI SCI 01 2024: Espressjoni ta' interess Servizzi ta' xogħolijiet għal żvilupp ta' Community Gardens fil-lokalitajiet madwar Malta u Għawdex u SCI SPI 02 2024 : Finanzjament – Komunitajiet aktar b'saħħithom u Inklussivi

59.3.4.2 Il-Viċi Sindku qalet sabiex napplikaw għal SCI SPI 03 2024 Inizjattiva Finanzjara Lokalitajiet iktar nodfa 2024 sabiex issir Clean up

Il-Kunsill qabel dwar dan

59.3.4.3 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal sabiex napplikaw SCI SPI 04 2024 Fond ta' manutenzjoni u sostenn ta' proġetti infrastrutturali maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali

Il-Kunsill qabel li jinbidlu il-fanali ta' Triq iż-Żonqor mill-bandli sal-latrina.

59.3.4.4 Is-Sindku qal sabiex napplikaw għal SCI SPI 05 2024 Skema għall-attivatijiet Kulturali Annwalu u Natilizji 2024 2025 fejn €16,000 jkun għal Milied Skaliz 2024 u €4000 għal Karnival Sajf

Il-Kunsill qabel dwar dan

59.3.5 **Allokazzjoni ta' €3000 ghal-ikel għal stray cats u veterinary fee**

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon talbet sabiex jiġu allokati €2000 f'ikel għal qtates u €1000 *f'veterinary fees* peress li *neutering* qed issir kampanja mill-Gvern Ċentrali.

Kien hemm qbil dwar dan.

59.3.6 **Fanali ta' Ġnien Sant'Anna**

Il-Kunsillier is-Sur John b Camilleri qal illi l-fanali li għandha ġol Ġnien Sant'Anna mhux tajba u ilna insewwu fijohm. Huwa kompla jispjega illi dawk li jistgħu jissewwew insewuwhom però dawn il-fanali li jrid jinxtralhom parts għandhom jinbidlu f'fanali aħjar

Il-Kunsillier is-Sinjura Maryrose Mfisud staqsiet kemm hemm fanali.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li hemm madwar 100 fanal.

Il-Kunsill qabel dwar dan.

59.3.7 **Kwotazzjoni Ġnien San Tumas (35/0466/24/I):**

Is-Sindku qal li iltaqa mas-Sur Ivan Brincat u s-Sur Dennis Vella u l-Perit Abela tal-Fondazzjoni Żoni Turistiċi fejn qal illi l-bankina minn ħdejn is-San Tomaso u Zion mhux qed fi stat tajjeb ħafna.

Huwa kompla jispjega illi kellha tinġieb stima sabiex il-kuntrattur tal-Kunsill jaqla il-kurduna u l-*paving bricks* u minflokk issir tal-konkos fejn l-istima telgħet għal €36,773.52 vat inkluż. Huwa kompla jispjega illi l-istima rawha għolja ħafna u għal din is-sena bħala bankina tibqa kif ihu u jirranġaw il-bankijiet u inxtraw bankijiet li ser jitpoġġew fi Triq il-Qaliet minn fejn Villa Sant'Anna sa San Tomaso Restaurant.

Is-Segretarju Eżekuttiv staqsa jekk il-Fondazzjoni hux ser jħallsu direttament huma lil-fornitur tal-bankijiet.

Kien hemm qbil li jitwaħħlu dawn il-bankijiet però l-ewwel kellhu jiġi ċċekkjat minn ser jħallas lil furnatur tal-bankijiet jekk hux il-Kunsill jew inkella il-Fondazzjoni.

59.3.8 **<u>Proposal for Holistic Approach (35/0420/24/I)</u>**

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet li ser tiftijhem mal-Perit sabiex jmorru fuq il-post u jsir *survey* għal pjan ħolistiku fejn hemm proposot li tinqala s-*central strip* ta' Triq id-Daħla ta San Tumas u minflokk issir *roundabout*.

59.3.9 **<u>Cir AKL 2024/011 Ecad Membership 2024 (35/0424/24/I)</u>**

Il-Kunsill qabel unanimament li jissieħeb għal dan il-*membership.*

59.3.10 **<u>Laqgħa mal-LEAP:</u>**

Is-Sindku qal li kellu laqgħa mas-Sinjura Roberta Micallef minn aġenzija Leap sabiex jaraw kif ser jaħdmu meta it-training centre jkun qed jintuża minn persuni oħra

59.3.11 **<u>Konferenza ġewwa l-Cameron Hall il-Belt:</u>**

Is-Sindku qal li attenda għall-Konferenza il-Cameron Hall il-Belt rigward possibilita ta` madwar 600 proġett, fejn il-Gvern lokali qed joffri kwart ta` miljun Ewro fondi l-Kunsilli Lokali kollha. Huwa qal li dawn il-fondi jistgħu jintużaw f`diversi proġetti li l-hinn minn dawk kulturali.

59.3.12 **<u>Laqgħa mas-Segretarju Parlamentari Glenn Bedingfield u s-Sur Ramon Degura tal-Cleansing:</u>**

Is-Sindku qal li flimkien mal-Viċi Sindku attendew laqgħa mas-Segretarju Parlamentari nkarigat mill-Indafa Glenn Bedingfield u Direttur Ġenerali tad-Divizjoni tat-tindif u manutenzjoni s-Sur Ramon Deguara, fejn iddiskutew li apparti l-*mechanical sweeper* fuq il-promenade u anke ser ikun hemm robot fil-ġnien u kif ukoll ser jiżdied ukoll mechanical sweeper ieħor li jkun qed idur it-toroq residenzjali.

Huwa qal li iddiskutew ukoll affarijiet oħra pożittivi li ser jitkellem fuqhom iktar il-quddiem.

59.3.13 **<u>Riċerka min-naħa tan-Nursing:</u>**

Is-Sindku qal li kellu laqgħa mas-Sinjura Adrienne Grech bħala kordinatur għall-degree nursing f'Marsaskala fejn spjega li hemm 8 studenti li ser iqattghu 4 ġimgħat fostna minn 12 ta` Frar sa nofs Marzu u ser jagħmlu ricerka fuq Marsaskala bi skop li nursing jista jsir ġod-djar tan-nies.

59.3.14 **<u>Ħitan tas-sejjieħ perikolużi:</u>**

Is-Sindku qal li kellu laqgħa mas-Segretarju Parlamentari Omar Farrugia fejn spjegalu li hemm żewġ ħitan ta' periklu li għandhom bżonn jitranġaw fi Triq il-Friefet u Triq Diviza Kostali.

Huwa kompla jispjega li tkellem mal-adviser tiegħu s-Sur Brian Zahra fejn marru fuq il-post u ikkonferma li ser jiġu irrenġati min-naħa tal-Public works.

59.3.15 **Studenti mid-Douzelage:**

Is-Sindku qal li ġie l-eks President tad-Douzelage s-Sur Januz Celamoncic fejn infurmah li ġejjin student f'April bejn it-23 ta` April u 22 ta` Mejju 2024 u ser ikun hawn 2 għalliema u 16 il-student. Fejn 4 studenti ser jaħdmu mal-Kunsill, 2 kostruzzjoni fejn jistgħu jiżbgħu l-fencing ta' Ġnien Sant Anna bil-cupricol, 2 f'IT, 4 oħra f`ristoranti Ta` Ninu u Angeles u 8 oħra għand Sensi f'kostruzzjoni u Catering. Huwa kompla jispjega illi l-ispejjeż tal-Kunsill huma biss transport mill-ajruport u lura u darba Il-Kunsillier is-Sur Charlo Mifsud joħodom dawra ma Malta .

59.3.16 **Studenti mid-Douzelage:**

Is-Sindku qal li kellhu laqgha virtwali ma' Brandl leader ta' grupp Ġermaniz fejn bħas-sena l-oħra hemm l-ħsieb li f`Ottubru jiġu 8 studenti u 2 leader għal 15 il-ġurnata biex jagħmlu esperjenza fl-iskejjel tagħna bħala Kindergarten assistants. Huwa qal li mhux ser ikun hemm spejjeż għaliex flimkien mal-Kunsillier s-Sinjura Maryrose Mifsud u l-Kunsillier s-Sur Charlot Mifsud jmorru u jġeru joħduhom l-airport.

**59.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillier:**

**59.4.1** ***Mistoqsija Nru 30 mressaq mill-Kunsillier – Is-Sur Patrick Camilleri :***

Nixtieq nistaqsi jekk kienx hemm zviluppi rigward is-sitwazzjoni tat-*traffic management* biex il-karozzi li jinzlu minn Triq il-Gemmugħa ikunu jistgħu joħorġu għal main road u mhux jistennew il-grazzja li xi ħadd jagħfas it-traffic lights biex il-karozzi fil-main road jieqfu u jsibu ruħ tajba li ċċedilhom biex joħorġu.

Is-Sindku qal li s-Sur Michael Cohen kien qal li kienet diġà approvata

Kien hemm qbil li nerġgħu nkelmu lis-Sur Michael Cohen

**59.4.2** ***Mistoqsija Nru 31 mressaq mill-Kunsillier – Is-Sur Patrick Camilleri:***

Nixtieq nistaqsi jekk hemmx data stabbilita meta ix-xogħol ta' tpoġġih ta katusi fil-Bidni ikun lest u jsir il-manutenzjoni tat-toroq ta l-area?

Is-Sindku qal li kellem lil Kuntrattur u x-xogħol mixi.

**59.5 Rapporti:**

59.5.1 **Unaudited financial statement 2023:**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega l-unaudited finacial statment għas-sena 2023

***Il-Kunsillier il-Perit John Schembri ippropona l-approvazzjoni tal-unaudited financial statements 2023i u l-Kunsillier is-Sur John B Camilleri issekonda. Il-votazzjoni kienet 7 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni***

**59.6** ***Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;***

Ma kienx hemm

**59.7** ***Korrispondenza:***

**59.7.1** **Clean up event min naha tal MFA futsal league (35/0344/24/I)**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi meta kienu ġew jgħamlu audit l-Awdituri Ġenerali kienu ġibduli l-attenzzjoni fuq il-flus li qed jingħataw lil ċertu għaqiet u proprjament wieħed minn dawn kien il-Futsal, fejn dawn kienu qed jitrenjaw ġewwa De La Salle peress li ma kellhomx fejn jitrenjaw u l-maġġoranza tal-pleyers huma minn Marsaskala. Huwa kompla jispjega illi peress skond l-Awditur Ġenerali dawn mhumiex donazzjonijiet legali huwa tal-fehma li dawn jtellgħu attivitajiet ġewwa l-lokal umbagħad jingħataw donazzjoni ta' dan is-servizz bħal *clean up event*.

Il-Kunsill qabel unanimament illi kull Għaqda tal-lokal jgħamel 4 attivitajiet f'sena li jammontaw għal €500 kull attività u tkun sa massimu ta' €2000 sena.

**59.7.2** **Proposta ta park ġdid f'Sant Antin (35/0327/24/O)**

Is-Sindku spjega li kien hemm laqgħa virtwali però bi żball ma attendewx u wara tkellem mas-Sur Bilocca ic-CEO tal-Wasteserv u wara iltaqa onlina mas-Sur Buhagair fejn sar *online meeting* u urewh il-proġett propost minflokk l-Impjant tar-Riċiklaġġ. Huwa spjega li dan huma proġett ta' €55 miljun li parti minnu ser jkun parkeġġ ta madwar 330 karozza bis-servizz tal-park and ride, kif ukoll ser ssir lake bi gżira ġo fijha fejn wieħed jkun jista jara ċertu speċi bħal fost oħrajn il-bużaqqa, żrinġijiet u xaħmet l-art, kif ukoll ser jitħawlu siġar li jiswew €6000 il-waħda biex idawru din il-lake ħalli l-lake ma tkunx perikoluża għat-tfal. Din ser tkun mqassam fuq tlett fażijiet fejn ,l-ewwel jsir l-iskavar, issir il-vaska u titkaħħal u jinġiebu s-siġar u l-aħħar fażi jġibu food boots.

Il-Kunsillier Dr Patrick Camilleri staqsa kif ser tinżamm il-*lake* nadifa u forsi anke jsiru xi pannelli.

Is-Sindku qal li ser jkun hemm is-*circulation* kollha taħt.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li tajjeb li bħala Kunsill nkunu nafu eżatt x'ser jsir.

Kien hemm qbil li ssir laqgħa mas-Sur Bilocca flimkien mal-membri tal-Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li s-Sur Buhagair qatt ma provda kont tas-servizz tiegħu u huwa tal-opinjoni li Ġieħ Marsaskala din is-sena jingħata lilhu.

Kien hemm qbil dwar dan.

**59.7.3** **CAP SP Measure 73.3 off farm productive investiments (35/02744/24/I)**

Is-Sindku qal li dan huwa proġett iffinanzjat 100% minnhom fejn hemm toroq rurali jitranġaw il-ħitan tas-sejjieħ.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li issir Triq il-Blajjiet. Huwa qal li jekk twila hafna issir mill-luzzu sad-djar fuq naħa waħda in-naħa tax-xellug.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet li hija tal-opinjoni li ssir konsultazzjoni mal-bdiewa.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li tista issir ukoll Triq San Anard ħdejn il-*gunpost*. Huwa kompla jispjega illi il-ħajt tas-sejjieħ suppost jsir 1.2 metre l-fuq mil-livell tal-ħamrija.

Kien hemm qbil li nakklipaw għal Triq il-Blajjiet mill-Luzzu sad-djar fuq in-naha tax-xellug u jekk nkunu fil-budget jsiru iż-żewġ naħat.

**59.7.4** **<u>Malta aerial photography (35/0227/24/I)</u>**

Din il-komunikazzjoni inqabżet u ser titressaq fil-laqgħa li jmiss.

**59.8** **<u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti Nru 59:</u>**

**59.8.1** Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta żewġ invoices li daħlu tard:

**59.8.1.1** Catbros Ltd construction of culvert, staircase and pavement Works Triq Sant’Anna inv no 073/2024 li tammonta għal €15741.38

**59.8.1.2** Progressive Solutions Ltd servizz ta’ parks and gardens november 23 inv no MLC52 li tammonta għal €4185.07 u tinqata 50% default notice

Progressive Solutions Ltd servizz ta’ parks and gardens december 23 inv no MLC53 li tammonta għal €4185.07 u tinqata 50% default notice

Id-diskussjoni tkompliet illi għandu jkun hemm rapport iktar dettaljat u speċifikat ta’ kulljum u jiġi prreżentat mal-Kunsill kemm tal-Parks and Gardens u kemm tal-Knies.

**59.8.1.3** Wm Environmental Ltd servizz ta’ Street Sweeping December 23 inv MLCss39 li tammonta għal €7309.21

**59.8.2** Il-Kunsillier is-Sinjura MaryRose Mifsud staqsiet fuq pagament 5815 tal-Bava jekk dan hux l-aħħar pagament.

Is-Segretarju wieġeb li iva però f’din is-seduta ser jitħallas part payment tiegħu.

***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ipprona l-approvazzjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier is-Sinjura Maryrose Mifsud issekonda. Il-votazzjoni kienet 7 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni***

**59.9** **<u>Mozzjonijiet:</u>**

Ma kienx hemm mozzjonijiet.

**59.10** **<u>Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.</u>**

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fit-8.30pm. Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir Nhar il-Ħamis 14 ta’ Marzu 2024 fis-6.00pm.

Ikkonfermat illum 19 ta’ Frar 2024.

| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
|---|---|
| _______________ | _______________ |
| **Josef Grech** | **Mario Calleja** |
| **Segretarju Ezekuttiv** | **Sindku** |